Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1900

tal-5 ta' Ottubru 2015

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, rigward Deċiżjoni tal-Kunsill Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

(ĠU L 277, 22.10.2015, p. 17)

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 329, 3.12.2016, p. 119 (2015/1900)

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1900

tal-5 ta' Ottubru 2015

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, rigward Deċiżjoni tal-Kunsill Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Artikolu 115 tal-Ftehim rigward Deċiżjoni ta' dan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni li jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Emendi minuri għal dan l-abbozz ta' Deċiżjoni jistgħu jintlaqgħu mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

▼B

DEĊIŻJONI Nru 1 TAL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-BOŻNIJA-ĦERZEGOVINA

ta' [*data*]

li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

Artikolu 1

Presidenza

Il-Partijiet għandhom iżommu l-Presidenza tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u ta' Stabbilizzazzjoni, b'mod alternat, għal perijodu ta' 12-il xahar. L-ewwel perijodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

Artikolu 2

Laqgħat

Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' darba fis-sena f'livell ministerjali. Sessjonijiet speċjali tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jistgħu jsiru bit-talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Sakemm ma jsirx ftehim mod ieħor mill-Partijiet, kull sessjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandha ssir fil-post fejn is-soltu jsiru l-laqgħat tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-data li jaqblu dwarha ż-żewġ Partijiet. Il-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandhom jissejħu b'mod konġunt mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bi qbil mal-President.

Artikolu 3

Rappreżentanza

Il-membri tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jistgħu jiġu rrappreżentati f'każ li ma jkunux jistgħu jattendu. Jekk membru jixtieq li jiġi rrappreżentat b'dan il-mod, jeħtieġ li huwa jinnotifika lill-President dwar l-isem tar-rappreżentant tiegħu qabel il-laqgħa li fiha se jiġi rrappreżentat b'dan il-mod. Ir-rappreżentant ta' membru tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandu jeżerċita d-drittijiet kollha ta' dak il-membru.

Artikolu 4

Delegazzjonijiet

Il-membri tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jistgħu jkunu akkumpanjati minn uffiċjali. Qabel kull laqgħa, il-President għandu jkun infurmat dwar il-konfigurazzjoni tad-delegazzjoni prevista għal kull Parti. Rappreżentant tal-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jattendi l-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bħala osservatur, meta fl-aġenda jidhru ħwejjeġ li jirrigwardaw lill-Bank. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jista' jistieden persuni li mhumiex membri sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu biex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti partikolari.

Artikolu 5

Segretarjat

Uffiċjal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u uffiċjal tal-Missjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għall-Unjoni Ewropea għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

▼B

Artikolu 6

Korrispondenza

Il-korrispondenza indirizzata lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandha tintbagħat lill-President tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni fl-indirizz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Iż-żewġ Segretarji għandhom jiżguraw li l-korrispondenza tiġi mgħoddija lill-President tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u, fejn xieraq, tkun imqassma lil membri l-oħra tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Il-korrispondenza li titqassam għandha tintbagħat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lir-Rappreżentanti Permanenti tal-Istati Membri u lill-Missjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għall-Unjoni Ewropea.

Il-komunikazzjonijiet mill-President tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandhom jintbagħtu miż-żewġ Segretarji lid-destinatarji u jitqassmu, fejn xieraq, lill-membri l-oħra tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni msemmija fit-tieni paragrafu.

Artikolu 7

Pubblikità

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni ma għandhomx ikunu pubbliċi.

Artikolu 8

Aġendi għal-laqgħat

1. Il-President għandu għal kull laqgħa, ifassal aġenda proviżorja. Din għandha tiġi mgħoddija mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 6 mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li fuqhom il-President ikun irċieva talba sabiex dawn jiżdiedu fl-aġenda mhux aktar tard minn 21 jum qabel tinbeda l-laqgħa, għalkemm l-ebda punt ma għandu jitniżżel fl-aġenda proviżorja sakemm ma tkunx intbagħtet id-dokumentazzjoni ta' sostenn lis-Segretarji mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt apparti dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

2. Il-President jista', bi ftehim maż-żewġ Partijiet, iqassar l-iskadenzi stipulati fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 9

Minuti

L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitħejja miż-żewġ Segretarji. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jindikaw fir-rigward ta' kull punt fl-aġenda:

— id-dokumentazzjoni ppreżentata lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni,

— id-dikjarazzjonijiet li membru tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jkun talab li jiddaħħlu,

— id-deċiżjonijiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet li kien hemm qbil dwarhom u l-konklużjonijiet adottati.

▼B

L-abbozz tal-minuti għandhom jiġi ppreżentat lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għall-approvazzjoni. Meta approvati, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u ż-żewġ Segretarji. Il-minuti għandhom jiġu ffajljati fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jservi ta' depożitarju tad-dokumenti tal-Assoċjazzjoni. Kopja ċċertifikata għandha tiġi mgħoddija lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 6.

Artikolu 10

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet bi qbil bejn il-Partijiet. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, skont l-Artikolu 117 tal-Ftehim, għandhom rispettivament, jingħataw it-titoli "Deċiżjoni" u "Rakkomandazzjoni" segwiti b'numru ta' serje, bid-data ta' meta ġew adottati u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu ffirmati mill-President u awtentikati miż-żewġ Segretarji. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu mgħoddija lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 6. Kull Parti tista' tiddeċiedi fuq il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 11

Lingwi

Il-lingwi uffiċjali tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandhom ikunu l-lingwi uffiċjali taż-żewġ Partijiet. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandu jsejjes id-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumentazzjoni mfassla f'dawn il-lingwi.

Artikolu 12

Spejjeż

L-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina, għandhom kull wieħed minnhom iħallas l-ispejjeż li jagħmel biex jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, kemm fir-rigward tal-persunal, tal-spejjeż ta' vjaġġar u ta' sussistenza, kif ukoll tal-ispejjeż ta' posta u ta' telekomunikazzjoni. In-nefqa li għandha x'taqsam mas-servizzi ta' interpretar fil-laqgħat, it-traduzzjoni u r-riproduzzjoni tad-dokumenti kif ukoll infiq ieħor relatat mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħat.

Artikolu 13

Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

1. B'dan ġie stabbilit Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni ("il-Kumitat") sabiex jgħin lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni fil-qadi ta' dmirijietu. Huwa għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, min-naħa waħda, u rappreżentanti tal-Kunsill tal-Ministri tal-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, normalment fil-livell ta' impjegati tas-servizz pubbliku f'kariga għolja.

2. Il-Kumitat għandu jħejji l-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni fejn meħtieġ u, inġenerali, jiżgura l-kontinwità fir-relazzjoni ta' assoċjazzjoni kif ukoll it-tħaddim xieraq tal-Ftehim. Huwa għandu jqis kull kwistjoni li tiġi referuta lilu mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni kif ukoll kull kwistjoni li tista' tinqala' fl-andament tat-twettiq ta' kuljum tal-Ftehim. Huwa għandu jippreżenta proposti jew kull abbozz ta' deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għall-adozzjoni lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

▼B

3. F'każijiet fejn il-Ftehim jirriferi għal obbligu li jikkonsulta jew il-possibilità ta' konsultazzjoni, din it-tip ta' konsultazzjoni tista' ssir fil-Kumitat. Il-konsultazzjoni tista' tissokta fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

4. Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

▼B

ANNESS għad-DEĊIŻJONI Nru 1 TAL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-BOŻNIJA-HERZEGOVINA

ta' [*data*]

Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

Artikolu 1

Presidenza

Il-Partijiet għandhom ikollhom il-Presidenza tal-Kumitat, b'mod alternat, għal perijodu ta' 12-il xahar. L-ewwel perijodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

Artikolu 2

Laqgħat

Il-Kumitat għandu jiltaqa' skont kif jitolbu ċ-ċirkostanzi, bil-ftehim taż-żewġ Partijiet. Kull laqgħa tal-Kumitat għandha ssir fi żmien u f'post miftiehma miż-żewġ Partijiet. Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jissejħu mill-President.

Artikolu 3

Delegazzjonijiet

Qabel kull laqgħa, il-President għandu jkun infurmat dwar il-konfigurazzjoni tad-delegazzjoni prevista għal kull Parti.

Artikolu 4

Segretarjat

Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea flimkien ma' uffiċjal tal-Bożnija-Ħerzegovina, għandhom iservu flimkien bħala Segretarji tal-Kumitat. Il-komunikazzjonijiet kollha lil, u mingħand, il-President tal-Kumitat, previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu mgħoddija lis-Segretarji tal-Kumitat, kif ukoll lis-Segretarji u l-President tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 5

Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat m'għandhomx ikunu pubbliċi.

Artikolu 6

Aġendi għal-laqgħat

1. Il-President għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-Segretarji tal-Kumitat lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 4 sa mhux aktar tard minn 30 jum tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li fuqhom il-President ikun irċieva talba sabiex dawn jiżdiedu fl-aġenda mhux aktar tard minn 35 jum tax-xogħol qabel tinbeda l-laqgħa, għalkemm l-ebda punt ma għandu jitniżżel fl-aġenda proviżorja sakemm ma tkunx intbagħtet id-dokumentazzjoni ta' sostenn lis-Segretarji mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda. Il-Kumitat jista' jistieden esperti li mhumiex membri sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti partikolari.L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt apparti dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

▼B

2. Il-President jista', bi ftehim maż-żewġ Partijiet, iqassar l-iskadenzi stipulati fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 7

Minuti

Għal kull laqgħa għandhom jittieħdu l-minuti, u dawn għandhom ikunu msejsa fuq is-sommarju tal-konklużjonijiet mill-President, li l-Kumitat ikun wasal għalihom. Meta jiġu approvati mill-Kumitat, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u mis-Segretarji, u jiġu ffajljati miż-żewġ Partijiet. Kopja tal-minuti għandha tiġi mgħoddija lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Fil-każijiet speċifiċi fejn il-Kumitat jingħata s-setgħa mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni skont l-Artikolu 118 tal-Ftehim sabiex jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet, dawn l-atti għandhom ikunu intitolati rispettivament "Deċiżjoni" u "Rakkomandazzjoni", segwiti b'numru ta' serje, bid-data tal-adozzjoni tagħhom u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet għandhom isiru bi qbil bejn il-Partijiet. Il-Kumitat jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għandhom jiġu ffirmati mill-President u awtentikati miż-żewġ Segretarji, u għandhom jiġu mgħoddija lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan l-Anness. Kull Parti tista' tiddeċiedi fuq il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 9

Spejjeż

L-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina, għandhom kull wieħed minnhom iħallas għall-ispejjeż li jagħmel biex jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat, kemm fir-rigward tal-persunal, tal-spejjeż ta' vjaġġar u ta' sussistenza, kif ukoll tal-ispejjeż ta' posta u ta' telekomunikazzjoni. In-nefqa li għandha x'taqsam mas-servizzi ta' interpretar fil-laqgħat, it-traduzzjoni u r-riproduzzjoni tad-dokumenti kif ukoll infiq ieħor relatat mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħat.

Artikolu 10

Sottokumitati u gruppi speċjali

Il-Kumitat jista' jistabbilixxi sottokumitati jew gruppi speċjali sabiex jaħdmu taħt l-awtorità tiegħu.Huma għandhom jippreżentaw lill-Kumitat rapport WARA kull laqgħa li jagħmlu. Il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jtemm kwalukwe sottokumitat jew grupp eżistenti, jistipula jew ibiddel it-termini ta' referenza tagħhom jew jistabbilixxi sottokumitati jew gruppi oħra sabiex jgħinuh fil-qadi ta' dmirijietu. Dawk is-sottokumitati u gruppi ma għandu jkollhom l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

▼B

ANNESS

għall-informazzjoni tal-kunsill biss

▼B

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 1/2015 TAL-KUMITAT TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI UE — BOŻNIJA-HERZEGOVINA

ta' […] 2015

li toħloq sottokumitati u gruppi speċjali

Artikolu Uniku

Is-sottokumitati u l-gruppi speċjali elenkati fl-Anness I huma b'dan maħluqa. It-termini ta' referenza tagħhom huma stipulati fl-Anness II.

▼B

ANNESS I

FTEHIM TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI UE — BOŻNIJA-HERZEGOVINA

L-Istruttura tas-Sottokumitati Multidixxiplinari

Titlu	Kwistjonijiet	Artikolu tal-Ftehim
1. Kummerċ, Industrija, Dwana u Tassazzjoni	Moviment Liberu tal-Merkanzija	Art. 18
	Prodotti Industrijali	Art. 19-23
	Kwistjonijiet kummerċjali	Art. 32-46
	Standardizzazzjoni, metroloġija, akkreditazzjoni, ċertifikazzjoni, analiżi tal-konformità u sorveljanza tas-suq	Art. 75
	Kooperazzjoni industrijali	Art. 92
	SMEs	Art. 93
	Turiżmu	Art. 94
	Dwana	Art. 97
	Tassazzjoni	Art. 98
	Regoli tal-oriġini	Protokoll 2
	Assistenza amministrattiva fi kwistjonijiet doganali	Protokoll 5
2. Agrikoltura u s-Sajd	Prodotti agrikoli *sensu lato*	Art. 24, 26(1), 26(2), 29, 30 u 33
	Prodotti agrikoli *sensu stricto*	Art. 27(1)(2) u 27(4)
	Prodotti tas-Sajd	Art. 26 u 28
	Prodotti agrikoli pproċessati	Art. 25, il-Protokoll 1
	Inbid	Art. 27(5) u l-Protokoll 7
	Protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u prodotti tas-sajd, u għall-prodotti tal-ikel li mhumiex inbid u spirti	Art. 31
	Settur agrikolu u agroindustrijali, materji veterinarji u fitosanitarji	Art. 95
	Kooperazzjoni fis-sajd	Art. 96
	Sigurtà tal-ikel	Art. 95

▼B

Titlu	Kwistjonijiet	Artikolu tal-Ftehim
3. Suq Intern u l-Kompetizzjoni	Dritt ta' stabbiliment	Art. 50-56
	Provvista ta' servizzi	Art. 57-59
	Mistoqsijiet oħrajn relatati mat-Titolu V tal-Ftehim	Art. 63-69
	Approssimazzjoni tal-leġislazzjoni u l-infurzar tal-liġi	Art. 70
	Kompetizzjoni	Art. 71-72, Protokoll 4
	Proprjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali	Art. 73
	Akkwist pubbliku	Art. 74
	Servizzi bankarji, tal-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji oħra	Art. 89
	Protezzjoni tal-konsumaturi	Art. 76
	Saħħa pubblika	
4. Kwistjonijiet u statistiċi ekonomiċi u finanzjarji	Ċaqliq ta' kapital u pagamenti	Art. 60-62
	Politika Ekonomika	Art. 87
	Kooperazzjoni statistika	Art. 88
	Promozzjoni u protezzjoni tal-investiment	Art. 91
	Kooperazzjoni finanzjarja	Art. 112-114
5. Ġustizzja, libertà u sigurtà	Ġudikatura u d-drittijiet fundamentali, inkluża l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni	Art. 78
	Kooperazzjoni tal-pulizija u kooperazzjoni ġudizzjarja	Art. 78
	Stat tad-Dritt	Art. 78
	Protezzjoni tad-data	Art. 79
	Viżi, kontroll tal-fruntieri, asil u migrazzjoni	Art. 80
	Immigrazzjoni illegali u riammissjoni	Art. 81
	Ħasil tal-flus	Art. 82
	Drogi	Art. 83
	Ġlieda kontra t-terroriżmu	Art. 85
	Kriminalità u attivitajiet illegali oħrajn	Art. 84

▼B

Titlu	Kwistjonijiet	Artikolu tal-Ftehim
6. Innovazzjoni, soċjetà tal-informazzjoni u politika soċjali	Moviment tal-ħaddiema	Art. 47-49
	Kundizzjonijiet tax-xogħol u opportunitajiet indaqs	Art. 77
	Kooperazzjoni soċjali	Art. 99
	Edukazzjoni u taħriġ	Art. 100
	Kooperazzjoni kulturali	Art. 101
	Informatika u komunikazzjoni	Art. 105
	Kooperazzjoni fil-qasam awdjoviżiv	Art. 102
	Networks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika	Art. 104
	Soċjetà tal-informazzjoni	Art. 103
	Żvilupp ta' riċerka u teknoloġija	Art. 109
7. Trasport, ambjent, enerġija, u żvilupp reġjunali ([1])	Trasport	Art. 53, 59, 106 u l-Protokoll 3
	Enerġija	Art. 107
	Sikurezza nukleari	Art. 107
	Ambjent	Art. 108
	Tibdil fil-klima	Art. 108
	Protezzjoni ċivili	Art. 108
	Żvilupp reġjonali u lokali	Art. 110

([1]) Sabiex jiġi implimentat il-Protokoll 3 għall-Ftehim, dan is-sottokumitat għandu jaġixxi bħala s-sottokumitat speċjali msemmi fl-Artikolu 21 ta' dan il-Protokoll.

L-istruttura tal-gruppi speċjali

Titolu	Kwistjonijiet	Artikolu tal-Ftehim
Grupp speċjali għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika	Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika	Titolu VI L-approssimazzjoni legali u l-infurzar tal-liġi, l-Art. 70 u Titolu VII, Ġustizzja u Affarijiet Interni, Art. 78, Art. 111

▼B

ANNESS II

IT-TERMINI TA' REFERENZA TAS-SOTTOKUMITATI U TAL-GRUPPI SPEĊJALI UE — BOŻNIJA-ĦERZEGOVINA

Il-Konfigurazzjoni u l-President

Is-sottokumitati u l-grupp speċjali għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (RAP) għandhom ikunu magħmulin minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentanti tal-Gvern tal-Bożnija-Ħerzegovina. Huma għandhom ikunu ippreseduti, darba kull wieħed, miż-żewġ partijiet. L-Istati Membri ser jiġu infurmati u mistiedna għal-laqgħat tas-sottokumitati u tal-grupp speċjali għar-RAP.

Segretarjat

Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-gvern tal-Bożnija-Ħerzegovina għandhom iservu flimkien bħala segretarji ta' kull sottokumitat u tal-grupp speċjali għar-RAP.

Il-komunikazzjonijiet kollha dwar is-sottokumitati għandhom ikunu mgħoddija lis-segretarji tas-sottokumitat rilevanti u tal-grupp speċjali għar-RAP.

Laqgħat

Is-sottokumitati u l-grupp speċjali għar-RAP għandhom jiltaqgħu kull meta jkun hemm bżonn, bi qbil bejn iż-żewġ partijiet. Kull laqgħa ta' sottokumitat jew tal-grupp speċjali għar-RAP għandha ssir f'ħin u post li jaqblu dwarhom iż-żewġ partijiet.

Jekk iż-żewġ Partijiet jiftiehmu, is-sottokumitati u l-grupp speċjali għar-RAP jistgħu jistiednu esperti fil-laqgħat tagħhom biex jipprovdu l-informazzjoni speċifika mitluba.

Aġenda u dokumenti ta' sostenn

Il-President u s-Segretarji għandhom ifasslu aġenda proviżorja għal kull laqgħa mhux aktar tard minn 30 jum tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi punti li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn 35 ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa.

Wara l-ftehim ta' aġenda proviżorja għal kull laqgħa u mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa s-segretarju -mill-Bożnija-Ħerzegovina għandu jibgħat lis-segretarju mill-Kummissjoni Ewropea id-dokumentazzjoni meħtieġa bil-miktub wara l-entrati miftehma fl-aġenda proviżorja.

▼C1

Jekk l-iskadenza msemmija fit-tielet paragrafu ma tiġix irrispettata, il-laqgħa għandha tiġi kkanċellata awtomatikament mingħajr avviż ulterjuri.

▼B

Suġġetti

Is-sottokumitati għandhom jiddiskutu kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-oqsma tal-Ftehim mniżżla fl-istruttura tas-sottokumitat multidixxiplinarju. Il-progress dwar l-approssimazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni għandhom jiġu analizzati taħt il-materji kollha. Is-sottokumitati għandhom jeżaminaw kull problema li tista' titfaċċa fl-oqsma relevanti tagħhom u jissuġġerixxu l-passi possibbli li għandhom jittieħdu.

Is-sottokumitati għandhom iservu wkoll bħala postijiet fejn jiġi ċċarat aktar l-*acquis*, u għandhom jistħarrġu l-progress li jkun sar mill-Bożnija-Ħerzegovina biex tikkonforma mal-*acquis* skont l-impenji li ħadet fl-Ftehim.

Il-grupp speċjali għar-RAP għandu jiddiskuti kwistjonijiet relatati mar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u jissuġġerixxi l-passi li jistgħu jittieħdu.

▼B

Minuti

Għal kull laqgħa għandhom jittieħdu l-minuti, u wara għandu jkun hemm qbil dwarhom. Kopja tal-minuti għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju tas-sottokumitat jew tal-grupp speċjali għar-RAP lis-Segretarju tal-Kumitat.

Pubblikità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitati u tal-gruppi speċjali għar-RAP ma għandhomx ikunu pubbliċi.